I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 818/2008

tat-13 ta' Awwissu 2008

li jemenda ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2074/2004 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' ċertu mekkaniżmi tal-fajls bl-anelli li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u jittermina l-investigazzjoni dwar il-possibbiltà ta' evażjoni tal-miżuri anti-dumping imposti minn dak ir-Regolament permezz ta' importazzjoni ta' ċertu mekkaniżmi tal-fajls bl-anelli kkunsinjati mit-Tajlandja, sew jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Tajlandja u sew jekk le

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara li kkonsultat mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Miżuri eżistenti

(1) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 119/97 [2], il-Kunsill impona dazji anti-dumping definittivi li jvarjaw minn 32,5 % sa 39,4 % fuq l-importazzjoni ta' ċertu mekkaniżmi tal-fajls bl-anelli ("RBMs") li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ"). Dawn ir-rati tad-dazju kienu applikabbli għall-RBMs minbarra dawk li fihom 17 jew 23 anell, waqt li l-RBMs li fihom 17 u 23 anell kienu suġġetti għal dazju ugwali għad-differenza bejn il-prezz minimu ta' importazzjoni ("MIP") ta' EUR 325 għal kull 1 000 biċċa u l-prezz frank fil-fruntiera Komunitarja, qabel id-dazju, kull meta dak ta' l-aħħar huwa anqas mill-MIP.

(2) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 2100/2000 [3], il-Kunsill emenda u żied d-dazji msemmija għal ċerti RBMs minbarra dawk ta' 17 jew 23 anell, wara l-investigazzjoni skond l-Artikolu 12 tar-Regolament bażiku. Id-dazji emendati jvarjaw minn 51,2 % għal 78,8 %.

(3) Wara investigazzjoni għar-reviżjoni ta' l-iskadenza ("ir-reviżjoni") skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 2074/2004 [4], estenda l-miżuri anti-dumping preżenti għal erba' snin.

(4) Fl-1 ta' Lulju 2004, wara investigazzjoni kontra l-evażjoni skond l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1208/2004 [5] il-Kunsill estenda l-miżuri għall-importazzjoni ta' ċertu RBMs ikkonsenjati mill-Vjetnam.

(5) Fl-24 ta' Diċembru 2004, permezz tar-Regolament (KE) Nru 2231/2004 [6], il-Kummissjoni itterminat investigazzjoni kontra l-evażjoni li tikkonċerna l-importazzjoni ta' ċertu RBMs ikkonsenjati mit-Tajlandja minħabba li skopriet li kien hemm produzzjoni ġenwina ta' RBMs fit-Tajlandja li tiġġustifika l-100 % ta' l-importazzjonijiet tal-Komunità mit-Tajlandja matul il-perjodu ta' investigazzjoni definit għal dik l-investigazzjoni.

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).
[2] ĠU L 22, 24.1.1997, p. 1.
[3] ĠU L 250, 5.10.2000, p. 1.
[4] ĠU L 359, 4.12.2004, p. 11.
[5] ĠU L 232, 1.7.2004, p. 1.
[6] ĠU L 379, 24.12.2004, p. 68.

(6) Fit-12 ta' Jannar 2006, wara investigazzjoni kontra l-evażjoni skond l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, il-Kunsill permezz tar-Regolament (KE) Nru 33/2006 [1] estenda l-miżuri għal importazzjonijiet ta' ċertu RBMs ikkonsenjati mir-Repubblika Popolari Demokratika tal-Laos.

(7) Fis-6 ta' Diċembru 2007, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1434/2007 [2] ("ir-Regolament inizjali"), il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni skond l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku dwar il-possibbiltà ta' evażjoni tal-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament (KE) Nru 2074/2004 permezz ta' l-importazzjoni ta' ċertu RBMs ikkonsenjati mit-Tajlandja, sew jekk kemmxejn modifikati jew le u sew jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Tajlandja jew le, u permezz ta' l-importazzjoni ta' ċertu RBMs kemmxejn modifikati u li għamel it-tali importazzjonijiet suġġetti għar-reġistrazzjoni.

1.2. **Rikjesta**

(8) L-investigazzjoni kontra l-evażjoni bdiet fuq il-bażi ta' rikjesta, iddepożitata mill-Alleanza ta' l-Anelli Ringbuchtechnik GmbH, li kien fiha biżżejjed evidenza prima facie li kien hemm evażjoni tal-miżuri anti-dumping permezz ta' modifika żgħira tal-prodott ikkonċernat sabiex jaqa' taħt il-kodiċi doganali li normalment mhumiex suġġetti għall-miżuri u li l-modifika ma tbiddilx il-karatteristiċi essenzjali tal-prodott ikkonċernat. Barra dan, ir-rikjesta kien fiha biżżejjed evidenza prima facie li kien hemm evażjoni tal-miżuri anti-dumping permezz ta' trasbord tal-prodott ikkonċernat li jgħaddi mit-Tajlandja, jekk kemmxejn modifikat jew le.

1.3. **Il-Prodott ikkonċernat**

(9) Il-prodott ikkonċernat huwa, kif definit fir-Regolament (KE) Nru 2074/2004, ċertu RBMs preżentament klassifikabbli fil-kodiċi NM ex 8305 10 00. Dawn l-RBMs jikkonsistu minn żewġ folji ta' l-azzar rettangolari jew wajers li fihom ta' mill-anqas erba' nofs anelli magħmulin minn wajer ta' l-azzar imwaħħla fuqhom u li jinżammu flimkien minn għatu ta' l-azzar. Dawn jistgħu jinfetħu jew billi wieħed jiġbed in-nofs anelli jew billi wieħed juża grillu magħmul mill-azzar imwaħħal ma' l-RBM.

1.4. **Investigazzjoni**

(10) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-awtoritajiet tar-RPĊ u tat-Tajlandja, il-produtturi/esportaturi fit-Tajlandja u fir-RPĊ u l-importaturi fil-Komunità magħrufin mill-Kummissjoni dwar il-bidu ta' l-investigazzjoni. Ġew mibgħuta xi kwestjonarji lill-produtturi/esportaturi fit-Tajlandja u r-RPĊ u lill-importaturi fil-Komunità. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità jagħtu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u jitolbu proċess fil-limitu ta' żmien stabbilit fir-Regolament inizjali.

(11) Produttur/esportatur wieħed fit-Tajlandja, il-produttur esportatur Ċiniż relatat u l-kumpanija prinċipali bbażata f'Ħong Kong issottomettew tweġiba għal kwestjonarji l-istess bħal produttur esportatur Ċiniż ieħor flimkien mal-kumpanija prinċipali tiegħu bbażata f'Ħong Kong. Tweġibiet għall-kwestjonarju ġew sottomessi wkoll minn sitt importaturi fil-Komunità. Il-Kummissjoni għamlet żjarat ta' verifikazzjoni fil-postijiet tal-kumpaniji li ġejjin:

— Thai Stationery Industry Co. Ltd., it-Tajlandja ("TSI"),

— Wah Hing Stationery Manufactory Limited, Ħong Kong, (WHS),

— Wah Hing Stationery Manufactory Limited, Pan Yu Shi, Guangzhou, RPĊ,

— World Wide Stationery Manufacturing Co. Ltd., Ħong Kong,

— Donghguan Humen Nanzha World Wide Stationery Manufacturing Co. Ltd., RPĊ.

1.5. **Perjodu ta' investigazzjoni**

(12) Il-perjodu ta' investigazzjoni kien ikopri l-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2006 sat-30 ta' Settembru 2007 ("IP"). Inġabret *data* mill-2004 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni sabiex tiġi investigata l-bidla fis-sitwazzjoni ta' l-iskambju kummerċjali ("il-perjodu investigat").

2. **RIŻULTATI TA' L-INVESTIGAZZJONI**

2.1. **RBMs kemmxejn modifikati**

2.1.1. *Karatteristiċi essenzjali*

(13) L-investigazzjoni stabbiliet li wieħed miż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw kien qed jipproduċi RBMs kemmxejn modifikati. Il-modifika kienet tikkonsisti minn tibdil tal-forma rettangolari tal-folji bl-użu ta' folji ċċanfrinati li għandhom indentazzjonijiet u permezz tal-qtugħ ta' materjal mit-truf tal-folji sabiex il-forma tagħhom ma tibqax rettangolari. Li tiċċanfra tfisser li tqatta' kanal fil-folja fil-forma ta' kolonna. Dawn it-tipi ta' prodotti partikolari ġew identifikati fis-suq tal-Komunità bħala "wave blade" RBMs.

(14) Ġie stabbilit ukoll li din il-modifika tal-prodott ikkonċernat kienet qed tippermetti lill-importaturi fil-Komunità jikklassifikaw dawn it-tipi ta' prodotti taħt il-Kodiċi TARIC li mhumiex suġġetti għall-miżuri, b'mod partikolari l-Kodiċi TARIC 8305 10 00 90 li kien jeżisti sakemm daħal fis-seħħ ir-Regolament li inizjali.

[1] ĠU L 7, 12.1.2006, p. 1
[2] ĠU L 320, 6.12.2007, p. 23.

(15) Il-kwistjoni jekk il-modifika msemmija fil-premessa (13) kinitx tbiddel jew le l-karatteristiċi essenzjali tal-prodott ikkonċernat ġiet imbagħad investigata. F'dan ir-rigward, ġie skopert li l-RBMs kemmxejn modifikati huma biss kemmxejn differenti fil-forma tal-folji, iżda dik il-modifika ma tbiddilx il-karatteristiċi essenzjali tal-prodotti kkonċernati. Fil-fatt, l-RBM kemmxejn modifikat jibqa' jikkonsisti minn żewġ folji li fih mill-anqas erba' nofs anelli mwaħħlin fuqhom u jkompli jżommhom flimkien għatu ta' l-azzar. Is-sistemi ta' ftuħ ukoll jibqgħu l-istess peress li ż-żewġ prodotti jistgħu jinfetħu jew billi wieħed jiġbed in-nofs anelli jew permezz ta' grillu.

(16) Barra dan, kien hemm xi tibdiliet żgħar fil-folji minħabba li dawn altrimenti kienu jipperikolaw l-funzjonament proprju ta' l-RBMs kemmxejn modifikati f'termini tal-forzi tat-tensjoni u ta' l-adeżività.

(17) Huwa mfakkar li numru kbir (diversi mijiet) ta' tipi differenti ta' RBMs li jvarjaw f'numru ta' karatteristiċi bħall-wisa' tal-bażi, it-tip ta' mekkaniżmu, in-numru ta' anelli, is-sistema ta' ftuħ, eċċ, huma preżenti fis-suq tal-Komunità. Dawn it-tipi kollha ta' RBMs kienu madankollu kkunsidrati bħala prodott wieħed fl-investigazzjonijiet preċedenti, minħabba li kien ġie skopert li t-tipi kollha għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi u li l-biċċa l-kbira huma interkambjabbli. Fl-istess mod, din id-differenza pjuttost żgħira fid-dehra ta' l-RMBs instabet li ma kinitx suffiċjentement differenti sabiex tiġġustifika konstatazzjoni ta' prodotti bħal dawn differenti. Għal-daqstant ġie konkluż li l-RBMs kollha jikkostitwixxu prodott wieħed għall-iskop ta' din l-investigazzjoni.

(18) Fuq il-bażi ta' dak imsemmi ġie konkluż li l-prodotti kemmxejn modifikati b'folji ċċanfrinati għandhom jiġu koperti mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat, minħabba li din il-modifika ma bidlitx il-karatteristiċi essenzjali tiegħu.

2.1.2. *Bidla fis-sitwazzjoni ta' l-iskambju kummerċjali*

(19) L-importazzjonijiet fil-Komunità ta' l-RBMs kemmxejn modifikati bdew fl-2003 wara li bdiet l-investigazzjoni għar-reviżjoni ta' l-iskadenza tal-miżuri applikabbli fuq l-importazzjonijiet ta' l-RBMs li joriġinaw mir-RPĊ.

(20) Dan it-tip ta' RBM ġie ddisinjat fuq it-talba ta' operatur fil-Komunità u, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli lill-Kummissjoni, l-importazzjonijiet bdew fit-tieni nofs ta' l-2003. Il-livelli ta' importazzjoni identifikati matul l-investigazzjoni kurrenti huma dawk li ġejjin: 3,8 miljun biċċa jew approssimament 234 tunnellata fl-2004, 2,7 miljun biċċa jew approssimament 166 tunnellata fl-2005, 4,3 miljun biċċa jew approssimament 262 tunnellata fl-2006 u 2,7 miljun biċċa jew 167 tunnellata fil-perjodu ta' l-investigazzjoni (li jirrappreżentaw 1 % mill-konsum tal-Komunità).

(21) Fid-dawl ta' dak t'hawn fuq, huwa kkunsidrat li kien hemm bidla fis-sitwazzjoni ta' l-iskambju kummerċjali ta' l-RBMs kemmxejn modifikati esportati minn prodottur esportatur Ċiniż li kkoopera lejn il-Komunità matul il-perjodu investigat.

2.1.3. *Nuqqas ta' raġuni ġusta u ġustifikazzjoni ekonomika*

(22) Kif innotat hawn fuq, l-investigazzjoni stabbiliet li l-modifiki li saru lill-prodott ikkonċernat kienu żgħar ħafna. Ġie skopert ukoll li ċertu ffrankar fl-użu tal-materji primi prinċipali li seta' jsir minħabba l-operazzjoni ta' ċanfrinazzjoni, kien ta' importanza żgħira (madwar 2 %). Barra dan, kwalunkwe ffrankar fil-konsum tal-materji primi kien il-biċċa l-kbira bbilanċjat mill-ispejjeż għall-addattament tal-makkinarju qabel ma beda l-proċess ta' produzzjoni tal-folji ċċanfrinati.

(23) Ġie skopert ukoll li l-bejgħ tal-prodott kemmxejn modifikat kien biss lill-Komunità u kien essenzjalment lill-operatur li għalih ġie ddisinjat il-prodott. Dan ifisser li l-RBMs kemmxejn modifikati għandhom essenzjalment xerrej wieħed mad-dinja kollha.

(24) Barra dan, il-grupp ta' kumpaniji li jifforma parti minnhom il-produttur esportatur Ċiniżi ma jipproduċux wave blade RBMs fis-sussidjarja Tajlandiża. Ġie ddikjarat mir-rappreżentanti tat-TSI f'dan ir-rigward, li ma kien hemm l-ebda domanda għat-tali tipi, minħabba li l-RBMs li joriġinaw mit-Tajlandja m'humiex suġġetti għall-miżuri anti-dumping.

(25) Fid-dawl ta' dak t'hawn fuq, jista' jiġi konkluż li m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni ekonomika minbarra l-impożizzjoni ta' dazju anti-dumping għall-bidla fl-istruttura tal-kummerċ bejn il-produttur esportatur Ċiniż u l-Komunità li toriġina mill-prattika tal-modifika żgħira tal-prodott ikkonċernat.

2.1.4. *Kompromess ta' l-effetti rimedjali tad-dazju f'termini tal-prezzijiet u/jew il-kwantitajiet ta' prodotti bħal dawn*

(26) Fuq il-bażi ta' l-analiżi tal-fluss tal-kummerċ kif hawn fuq stabbilit, ġie skopert li l-bidla fis-sitwazzjoni ta' l-importazzjonijiet tal-Komunità hija konnessa mal-fatt li kien hemm miżuri anti-dumping diġà stabbiliti. Waqt li l-importazzjonijiet ta' l-RBMs kemmxejn modifikati kienu assenti fis-suq tal-Komunità qabel l-impożizzjoni tal-miżuri, dawn kienu jammontaw għal 234 tunnellata fl-2004, għal 166 tunnellata fl-2005, għal 262 tunnellata fl-2006 u għal 167 tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni, li jirrapreżentaw 1 % mill-konsum tal-Komunità.

(27) L-investigazzjoni stabbiliet li l-importazzjonijiet ta' l-RBM's kemmxejn modifikati mir-RPĊ saru għal livelli ta' prezzijiet taħt il-prezz ta' esportazzjoni u ferm anqas mill-valur normali stabbilit fir-reviżjoni.

(28) Fid-dawl tas-suespost, ġie konkluż li l-bidla fil-flussi tal-kummerċ, flimkien mal-prezz ta' esportazzjoni baxx b'mod anormali, ikkompromettiet l-effetti ta' rimedjazzjoni tal-miżuri anti-dumping kemm f'termini tal-kwantitajiet u kemm tal-prezzijiet tat-tali prodotti.

2.1.5. *Evidenza ta' dumping relatat mal-valuri normali stabbiliti preċedentement għal prodotti bħal dawn jew simili*

(29) Skond l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, ġiet eżaminata l-kwistjoni dwar jekk kienx hemm evidenza ta' dumping relatata mal-valuri normali stabbiliti preċedentement għat-tali prodott. F'dan ir-rigward, il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni ta' l-RBMs kemmxejn modifikati mill-produttur esportatur Ċiniż matul il-perjodu ta' investigazzjoni ġew paragunati mal-valuri normali stabbiliti fir-reviżjoni għal tipi ta' prodotti paragunabbli. Fil-paragun, it-tipi ta' prodotti differenti ġew determinati skond il-wisa' tal-bażi, it-tip ta' mekkaniżmu, in-numru ta' anelli, is-sistema ta' ftuħ u t-tul.

(30) Għall-iskop ta' paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni, konċessjoni xierqa, fil-forma ta' aġġustamenti, ingħatat għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-paragunabilità tal-prezzijiet, skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(31) Skond l-Artikoli 2(11) u 2(12) tar-Regolament bażiku, il-paragun tal-valur normali tal-medja mwieżna kif stabbilit fir-reviżjoni u l-prezz ta' esportazzjoni tal-medja mwieżna stabbilit matul l-IP, espress bħala persentaġġ tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Komunità, qabel id-dazju, stabbilixxa li kien hemm dumping 'il fuq mil-limitu de minimis.

2.2. **Trasbord allegat vija t-Tajlandja**

(32) TSI, l-uniku esportatur ta' l-RBMs fit-Tajlandja, ġiet stabbilita fl-1998, jiġifieri sena wara l-impożizzjoni tad-dazji anti-dumping fuq ċertu RBMs mir-RPĊ. Il-kumpanija hija sussidjarja ta' WHS, kumpanija kummerċjali ta' l-RBMs ibbażata f'Ħong Kong li għandha wkoll impjant ta' produzzjoni ta' l-RBMs fir-RPĊ. Kif instab fl-investigazzjoni kontra l-evażjoni preċedenti, ġie stabbilit li l-esportazzjonijiet ta' TSI lill-Komunità fil-perjodu ta' investigazzjoni kienu jiġġustifikaw il-100 % ta' l-importazzjonijiet tal-Komunità mit-Tajlandja kif stabbilit mill-Eurostat. Fuq din il-bażi, fl-assenza ta' kwalunkwe evidenza kontrarja, ġie konkluż li t-TSI kien l-uniku esportatur ta' RBMs fit-Tajlandja.

(33) L-investigazzjoni stabbiliet li matul is-snin 2004, 2005, 2006 u fil-perjodu ta' investigazzjoni, it-TSI ipproduċiet RBMs mill-materji primi prinċipali (jiġifieri folji ta' l-azzar irromblati f'kolji u wajer ta' l-azzar irromblat f'kolji). Barra dan, ġie skopert li l-kwantità ta' materja prima importata mit-TSI kienet suffiċjenti biex tiġi prodotta l-kwantità ta' RBMs esportati lill-Komunità matul il-perjodu ta' investigazzjoni, imma wkoll fis-snin tal-perjodu investigat. B'hekk, ġie konkluż li t-TSI kellha tiġi kkunsidrata bħala produttur ġenwin ta' ċertu RBMs. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ġie ikkunsidrat li t-trasbord ta' RBMs vija t-Tajlandja ma sarx matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(34) Barra dan, l-investigazzjoni ma rrivelatx li xi RBMs kemmxejn modifikati ġew prodotti u esportati mit-TSI lill-Komunità matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(35) Fuq il-bażi ta' dawn is-sejbiet, ġie ikkunsidrat ukoll li l-kumpanija investigata ma laħqitx il-kriterju stabbilit f' Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku, minħabba li t-TSI m'hijiex operazzjoni ta' assemblaġġ. Din il-konklużjoni hija bbażata fuq l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 13(2) bħala *lex specialis* għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ.

3. **MIŻURI**

(36) Fid-dawl ta' dawn is-sejbiet ta' evażjoni msemmija fis-sens ta' l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-miżuri anti-dumping eżistenti fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw mir-RPĊ għandhom jiġu estiżi għal RBMs kemmxejn modifikati li joriġinaw mill-istess pajjiż.

(37) F'dan ir-rigward, id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2074/2004 se tiġi emendata sabiex testendi l-miżuri għal ċertu RBMs kemmxejn modifikati.

(38) Skond l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku, li jistipulaw li kwalunkwe miżuri estiżi se jiġu applikati fuq l-importazzjonijiet irreġistrati mid-data ta' reġistrazzjoni, id-dazju anti-dumping se jinġabar fuq l-importazzjonijiet kollha ta' RBMs li jikkonsistu f'żewġ folji ta' l-azzar jew wajers li fihom ta' mil-lanqas erba' nofs anelli magħmulin minn wajer ta' l-azzar imwaħħlin fuqhom u li jinżammu flimkien minn għatu ta' l-azzar u li jistgħu jinfetħu jekk wieħed jiġbed in-nofs anelli jew bi grillu żgħir magħmul mill-azzar imwaħħal fuq il-mekkaniżmu tal-fajls ta' l-anelli, minbarra dawk diġà identifikati fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2074/2004 u li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8305 10 00 (kodiċi TARIC ex 8305 10 00 32 u ex 8305 10 00 39) li daħlu fil-Komunità taħt ir-reġistrazzjoni imposta mir-Regolament oriġinali.

4. **TMIEM TA' L-INVESTIGAZZJONI KONTRA T-TAJLANDJA**

(39) Fid-dawl tas-sejbiet dwar it-Tajlandja, l-investigazzjoni dwar il-possibbiltà ta' evażjoni tal-miżuri anti-dumping permezz ta' l-importazzjoni ta' ċertu RBMs ikkonsenjati mit-Tajlandja għandha tiġi terminata.

5. **ŻVELAR**

(40) Il-partijiet kollha kkonċernati ġew informati dwar il-fatti essenzjali u l-konsiderazzjonijiet li wasslu għall-konklużjonijiet imsemmija u ġew mistiedna biex jikkummentaw. Ma wasal l-ebda kumment li kien jissuġġerixxi tibdil fil-konklużjonijiet imsemmija,

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2074/2004 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1(1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Qed jiġi impost dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' ċerti mekkaniżmi tal-fajls ta' l-annelli kklassifikati fil-kodiċi NM ex 8305 10 00 li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, il-mekkaniżmi tal-fajls ta' l-anelli għandhom jikkonsistu f'żewġ folji ta' l-azzar jew wajers li fihom ta' mill-anqas erba' nofs anelli magħmulin mill-azzar imwaħħlin fuqhom u li jinżammu flimkien b'għatu ta' l-azzar. Dawn jistgħu jinfetħu jew billi wieħed jiġbed in-nofs anelli jew billi wieħed juża grillu żgħir magħmul mill-azzar imwaħħal mal-mekkaniżmu tal-fajls ta' l-anelli.";

(2) Fil-punt (a) ta' l-Artikolu 1(2), il- kodiċi TARIC "8305 10 00 35" għandu jiżdied mal-Kodiċi TARIC fil-parentesi.

(3) Fil-punt (b) ta' l-Artikolu 1(2), il-kodiċi TARIC "8305 10 00 34" għandu jiżdied mal-Kodiċi TARIC fil-parentesi.

Artikolu 2

Id-dazju għandu jinġabar minn fuq l-importazzjonijiet irreġistrati skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1434/2007 u l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 ta' mekkaniżmi tal-fajls ta' l-anelli li jikkonsistu f'żewġ folji ta' l-azzar jew wajers li fihom ta' mill-anqas erba' nofs anelli magħmulin mill-azzar imwaħħlin fuqhom u li jinżammu flimkien b'għatu ta' l-azzar u li jistgħu jinfetħu jew billi wieħed jiġbed in-nofs anelli jew billi wieħed juża grillu żgħir magħmul mill-azzar imwaħħal mal-mekkaniżmu tal-fajls ta' l-anelli, minbarra dawk identifikati fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2074/2004 u li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8305 10 00 (kodiċi TARIC applikabbli sa l-20 ta' Awwissu 2008: ex 8305 10 00 32 u ex 8305 10 00 39) u joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

Artikolu 3

L-investigazzjoni li nbdiet mir-Regolament (KE) Nru 1434/2007 dwar il-possibbiltà ta' evażjoni tal-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament (KE) Nru 2074/2004 fuq l-importazzjoni ta' ċertu mekkaniżmi tal-fajls ta' l-anelli li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina permezz ta' l-importazzjoni ta' ċertu mekkaniżmi tal-fajls ta' l-anelli kkonsenjati mit-Tajlandja, jekk humiex dikjarati li joriġinaw mit-Tajlandja jew le, u li jagħmel it-tali importazzjonijiet suġġetti għar-reġistrazzjoni, b'dan qiegħda tiġi terminata.

Artikolu 4

L-awtoritajiet tad-dwana qegħdin b'dan jiġu ordnati biex ma jkomplux bir-reġistrazzjoni ta' l-importazzjonijiet stabbiliti skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1434/2007.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 13 ta' Awwissu 2008.

F'isem il-Kunsill

Il-President

B. KOUCHNER